Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 20 ta' Lulju 2020**
**(OR. en)**

**9425/1/20**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0048(COD)**

**CODEC 600**
**ECOFIN 569**
**EF 135**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv Ewropej għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

1. Fit-8 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Lulju 2018[2].

3. Il-Bank Ċentrali Ewropew ġie kkonsultat iżda ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-27 ta' Marzu 2019[3].

1 7049/18.
2 ĠU C 367, 10.10.2018, p. 65.
3 7743/19.

5. Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq[4].

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– jadotta, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument 6800/20 u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet kif tinsab fid-dokument 6800/20 ADD 1, bl-Awstrija tivvota kontra;

– jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tidher fl-Addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

---

[4] F'konformità mal-ittra tat-12 ta' Mejju 2020, mibgħuta mill-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew lill-President tal-COREPER, il-Parlament Ewropew għandu, fit-tieni qari tiegħu, japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi.